**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 02

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 10 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 01

2.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

2.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

2.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsilliera Diane Abela Penza l-minuti tal-ewwel laqgħa ġew approvati unanimament.

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 <u>Ċirkulari Nru: SPI/SCI/5/2024 u Ċirkulari SPI/SCI/1/2024</u>
Is-Sur Dalli tkellem dwar iż-żewġ skemi li ġew approvati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li huma SPI/SCI/5/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 u SPI/SCI/1/2024 Skema ta' Xogħolijiet għal Żvilupp ta' Community Gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Hawnhekk is-Sindku spjega lill-Kunsill li l-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji ngħatajna l-ammonti ta' €8,900.00 biex isir l-attivita' taċ-Ċitru u €3,700.00 għall-attivita' Natalizja fejn ser isir Christmas Market. Is-Sindku kompla jispjega kif kellu l-ħsieb li jikkuntatja lil għaqdiet tar-raħal kollha biex flimkien isir dan il-Christmas Market fejn aktar il-quddiem anke jiġi deċiż id-data jew dati ta' din l-attivita'. Dwar l-iskema l-oħra ta' Xogħolijiet għal Żvilupp ta' Community Gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex is-Sindku spjega li bħala skema ma ħadniex fondi bħala flus imma ser jiġu offruti ħaddiema lill-Kunsill Lokali biex isir titjieb l-area ta' ħdejn il-futbol ground fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

2.3.2 <u>Triq Depiro Gourgion</u>
Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq Depiro Gourgion fejn ftit tal-ġranet ilu ltaqa' mal-WSC u l-kuntrattur li se jaħdem f'din it-triq fejn ser isir main ġdid. Is-Sur Dalli spjega li WSC qiegħdin jaraw kif l-aħjar li jsir ix-xogħol, meta u x'se jinbidel. Dan il-proġett mhux suppost li ser idum ma jibda.

2.3.3 <u>Project Green – Varata Konsultazzjoni Online dwar il-Ġnien ta' Triq Merino</u>
Is-Sur Dalli tkellem ukoll dwar il-Proġett li ser isir mill-Project Green dwar li varat konsultazzjoni online dwar il-ġnien ta' Merino fejn qalilna li qed ikollu ħafna telefonati u messaġġi ta' inkoraġġiment fejn ukoll ħafna nies awgurawlna li dan il-proġett ma jdumx ma jibda.

2.3.4 <u>Ir-restawr tal-Kappella l-Qadima tas-Salvatur</u>
Is-Sindku tkellem ukoll dwar ir-restawr tal-Kappella tas-Salvatur il-Qadim fejn spjega li dan ir-restawr jista' jkun li jkun lest viċin il-festa u għalhekk qiegħed iżomm kuntatt kontinwu ma' l-imgħallem tal-proġett biex jekk se ssir it-Transulazzjoni minn hemm nkunu lesti biex nagħtu daqqa t'id fit-tindif tal-kappella u l-ġnien. Hu kompla jispjega li hemm ċans ukoll li jkollna sponsor għal dan il-għan. Jekk ma jirnexxilniex inġibu l-isponsor ngħinu ftit biex innaddfu għaliex il-proġett ġie mitlub mill-Kunsill Lokali u mportanti li nwasslu dan il-proġett sa l-aħħar.

2.3.5 <u>Devoluzjoni tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Sindku kompla jitkellem u jispjega li l-Kunsill preċedenti kien talab id-devoluzzjoni tal-partijiet komuni tal-ġnien Ċentru Rikreattiv u jidher li din it-talba ġiet milqugħa wara li pprovdejna d-dokumenti kollha neċessarji. Il-kuntratt se jsir nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2024 fejn se jagħtuna aktar dettalji fejn ser jsir u min hu mistieden barra s-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv għax huma ordnati mill-liġi li jkunu l-firmatarji f'dan il-kuntratt għan-nom tal-Kunsill Lokali.

## 2.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, iżda s-Sindku wieġeb mistoqsija żgħira dak il-ħin li saret mill-Kap tal-Minoranza s-Sinjura Farrugia Muscia.

2.4.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku dwar it-talba li kienet għamlet ftit taż-żmien ilu dwar id-double yellow lines fi Triq Merino. Is-Sindku wieġeb li diġà hemm tabella esiżtenti li turi li ma tistax tipparkja u għalhekk meta jsir parkeġġ irid jiġi nfurzat mill-pulizija biex dan ma jibqax isir.

## 2.5 Korrispondenza

2.5.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza però ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwaru.

## 2.6 Festa tas-Salvatur 2024

2.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-Festa titulari f'Ġieħ Kristu s-Salvatur fejn spjega lill-Kunsill Lokali li bħal kull sena jkollna l-permessi tal-gabbani fejn l-amministrazzjoni tieħu ħsieb dawn il-permessi u kompla jispjega li aktar minn snin ta' qabel irridu noqgħodu attenti li kulħadd joqgħod f'postu u ħadd ma jpoġġi l-gabbani madwar id-dawra ta' Torri Belvedere għal fatt li din is-sena ser ikollna grupp mistieden minn Militello fejn ser jagħmel wirja bil-bnadar flimkien mal-banda u għalhekk kulħadd irid joqgħod fil-post li dejjem ingħata mill-Kunsill Lokali.

2.6.2 Is-Sindku kompla jispjega li bħal kull sena l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb jaddotta pjan ta' servizz ta' indafa biex għal waqt il-festa titulari ikollna r-raħal fl-aqwa tiegħu. Beda billi tkellem dwar il-latrini pubbliċi f'dawn il-ġranet fejn saħħaq li f'dan iż-żmien irridu naraw li jkollna ndafa assoluta u għalhekk ġie deċiż li s-Sibt 27 ta' Lulju fil-ħruġ tal-vara tas-Salvatur jrid ikun hemm attendent bejn 18:00 u 23:00. Kif ukoll mill-Ġimgħa 02 t'Awwissu sat-Tlieta 06 t'Awwissu il-latrini tal-Pjazza kif ukoll tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv irid ikun hemm attendent wieħed kull naħa bejn 18:00 u 24:00. Imbagħad it-Tnejn 05 t'Awwissu lejlet il-festa l-attendent irid joqgħod bejn 18:00 u 2:00am.8 Għalhekk ser isir ħlas addizzjonali għal dan iż-żmien.

2.6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-għeluq ta' toroq waqt il-festa fejn spjega li bħal kull sena fil-ġranet tal-festa jingħalqu ċertu toroq bl-għajnuna tal-Uffiċċjali tal-Komunita' u l-Pulizija. L-amministrazzjoni tal-Kunsill jieħu ħsieb ukoll li jtella' avviż fuq il-gazzetta tal-gvern bil-ġranet u l-ħinijiet ta' dawn il-ġranet. Dawn l-ispejjes ta' għeluq ta' toroq flimkien mas-servizz ta' Fire Enginee għal waqt il-festa ser jiġu rimborżati mill-iskema tar-Reġjun Lvant.

2.6.4 Is-Sur Dalli kompla jispjega u tkellem dwar it-tindif fil-ġranet tal-festa fejn ser ikollna s-servizz tal-kenniesa aktar frekwenti għal dawn il-ġranet u kif ukoll dwar il-kiri tal-bins bl-għajnuna tal-Cleansing Department u tal-kuntrattur eżistenti tagħna. Is-Sindku kompla jispjega li ser jiġi nfurmat l-Contracts Manager bir-rottot kollha tal-kennies u bl-informazzjoni neċessarja biex ikun jista' jara li kollox miexi kif suppost. Is-Sindku enfassiżża ukoll li l-ġbir ta' skart f'dawn il-ġranet irrid jibda puntwali fi 9:00am u li fil-ġurnata tal-festa ta' 6 T'Awwissu l-ġbir kollu ta' l-iskart ikun inġabar sal-11:00am. Ġie deċiż ukoll li l-ġbir ta' skart goff għal ġurnata waħda biss ta' nhar il-festa ta' 6 t'Awwissu tinbidel il-ġurnata. Is-Sindku qal ukoll li x-xogħol extra li ser isir mill-kenniesa li ma jkopriex it-tender ser jiġi mħallas f'dawn il-ġranet, kif ukoll fit-tieni t'Awwissu meta jinġabar il-ħġieġ irridu nitkellmu mal-kuntrattur tal-ġbir ta'skart biex il-kaxxi tal-kartun jinġabru ukoll.

## 2.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

2.7.1 <u>Ftuħ ta' Re-Issue Tender Patching</u>
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li fl-1 ta' Lulju 2024 kien għalaq it-Tender tal-patching fejn għat-tieni darba konsekuttiva ħadd ma kien tefa' offerta.

2.7.2 Ġie deċiż li t-tender terġa tinħareġ għat-tielet darba konseguttiva.

2.7.3 <u>Sleeping Policeman fi Triq il-Kunċizzjoni u Triq id-Dejqa</u>
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill talba għal żewġ sleeping policeman waħda fi Triq il-Kunċizzjoni fejn dar nru.68 u l-oħra fi Triq id-Dejqa.

2.7.4 Is-Sindku qal li ser jinforma r-residenti tal-akwati ta' dawn iż-żewġ toroq biex jaraw jaqblux li ssir sleeping policeman qrib tagħhom qabel ma napplikaw għall-approvazzjoni mit-Transport Malta.

2.7.5 <u>Manutenzjoni u tisbiħ waqt il-Festa tas-Salvatur 2024</u>

Is-Sindku tkellem dwar il-manutenzjoni u tisbiħ li ser isir fil-festa tas-Salvatur għal din is-sena.

2.7.6 Is-Sindku qal li barra t-tindif waqt il-festa ser inġibu Water Bowser biex qabel ma jintramaw id-dekorazzjonijiet fil-pjazza din titnaddaf flimkien mal-bankini mill-Pjazza Trasfigurazzjoni sa Torri u xi toroq tal-madwar.

2.7.7 <u>Tindifa tajba fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Sindku tkellem dwar kif ser issir tindifa tajba fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

2.7.8 Huwa spjega li ser iġib skip u flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u l-ġardinar ser jitnaddaf il-ġnien

2.7.9 <u>Sistema ta' CCTV Cameras</u>

Is-Sindku tkellem ukoll dwar kif għandom isiru xi trinek biex titwaħħal is-sistema ta' CCTV Cameras fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

2.7.10 Għalhekk ġie deċiż li wara l-festa jiġi kkuntatjat l-kuntrattur tal-cameras biex jibdew ix-xogħolijiet.

2.7.11 <u>Proposta ta' Traffic calming fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda proposta li rċevejna mingħand Transport Malta biex isir Traffic calming fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

2.7.12 Wara li l-Kunsill Lokali ddiskuta din il-proposta ġie deċiż li għandhom jintbagħtu dawn is-suġġerimenti lil Transport Malta.

1. Għaliex mhux fl-4 kantunieri ngħatajna l-parir li jsiru l-ballards, u fl-opinjoni tagħna dawn iridu jkunu adekwati għall-estetika u l-ambjent ta' l-inħawi mhux bħal dawk li hemm qrib iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija.
2. Għaliex mhux l-akkwata kollha ġiet evaljuwata, inkluż Triq Robert Mifsud Bonnici, li hija dħul/ ħruġ lejn l-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin, u fl-istess triq hemm 2 faċilitajiet għat-tfal bil-grounds tal-Lija/Iklin Football Academy u Balzan Nursery fejn dawn it-tlett entitajiet flimkien jirċievu għexieren ta' tfal kuljum. (Triq Robert Mifusd Bonnici.
3. Nistaqsu huwar ta' periklu li l-vetturi tat-Trasport Pubbliku li jduru fuq dawn il-humps suġġeriti fil-Vjal it-Trasfigurazzjoni, ftit il-fuq mill-Belvedere, u jimmanuvraw biex jduru lejn Triq Robert Mifsud Bonnici, u jekk m'hemmx periklu għax ma ġiex suġġerit li ssir sleeping policeman oħra int u nieżel mill-Pjazza direzzjoni lejn il-Belvedere qabel il-crossing.
4. Triq Fernand Gregh ma tistax tiġi one-way il-ġewwa (kif suġġerit) minn Vjal it-Trasfigurazzjoni, għax meta tingħalaq il-Pjazza kif maqbul fuq skala Nazzjonali, li l-pjazez ewlenin tal-lokalitajiet jingħalqu fil-weekends biex jingħatu spazju lir-residenti, Triq Fernand Gregh tintuża bħala passaġġ il-barra lejn Vjal it-Trasfigurazzjoni.
5. Triq Fernand Gregh aħna naħsbu li għandha ssir hump eżatt bħal fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

2.7.13 <u>Proposta ta' Zebra Crossing fi Triq in-Naxxar</u>

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill proposta mingħand Transport Malta dwar żebra crossing fi Triq in-Naxxar ħdejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija.

2.7.14 Wara li l-Kunsill Lokali ddiskuta din il-proposta ukoll ġie deċiż li għandhom jintbagħtu dawn is-suġġerimenti lil Transport Malta.

1. Il-Kunsill jaqbel mal-proposta tagħkom biex isiru sett Pelican lights fil-ġenb taċ-ċimiterju n-naħa tal-carwash li hemm fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill jaħseb li din se tintuża biss minn dawk in-nies li jipparkjaw jew fi-triq li tagħti għall-iskejjel jew fi Triq San Mikiel l-Iklin u Triq in-Naxxar.
2. Fl-opinjoni tagħna bħala Kunsill u b'mod unanimu nemmnu li jridu jsiru pelican lights sett ieħor in-naħa l-oħra iġifieri n-naħa ta' Ħal Lija, fejn hemm il-bieb iż-żgħir ta' Villa Parisio eżatt mal-ġenb tal-bieb prinċipali taċ-ċimiterju. Jekk il-pelican lights eżistenti huma viċin nissuġerixxu li dawk jinżlu l-isfel lejn l-istage li tirkeb għall-Belt Valletta.
3. Nixtiequ nissuġerixxu li fuq iż-żewġ naħat tat-triq arterjali, niżel mill-Mosta direzzjoni ċimiterju u minn B'Kara l-fuq direzzjoni ċimiterju, isiru żewġ speed cameras biex jinqatgħu l-inċidenti frekwenti li qed ikollna u li ċ-ċimiterju qed jisfa target għal dan is-sewqan eċċessiv.

2.7.15 Is-Sindku kompla jispjega li naħsbu ukoll li jekk isir dan kollu nkunu qed inħarsu s-saħħa u l-ħajja tar-residenti tagħna u lil dawk kollha li jiġu jżuru lil qrabathom mejtin, flimkien mal-binja taċ-ċimiterju li sfat imkissra sostanzjalment u anke inkunu qed inħarsu s-sewwieqa mill-periklu li jeżisti. Is-Sur Dalli żied li bħala Kunsill nisperaw li jkollna risposta posittiva għal benefiċċju ta' kulħadd.

2.7.16 <u>Talba dwar double yellow lines fi Triq Mons. Joseph Fenech Sqaq Nru.1</u>
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda talba biex isiru double yellow lines fi Triq Mons. Joseph Fenech Sqaq Nru.1

2.7.17 Ġie deċiż li nibgħatu din it-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

2.7.18 <u>Problema ta' Ħamiem f'Ħal Lija – Triq Annibale Preca u Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Residenti li joqgħodu kemm fi Triq Annibale Preca ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp u fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn Apap Store qiegħdin jesperjenzaw ħafna ħmieġ tal-ħamiem b'konsegwenza li qed iġarrbu xi nkonvenjet.

2.7.19 Wara li saret diskuzzjoni mill-Kunsill ġie deċiż li wara l-festa nerġaw nikkuntatjaw lis-Sur Arnold biex naraw x'nistgħu nagħmlu aktar dwar din il-problema.

2.7.20 <u>Approvazzjoni fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Lija</u>
Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-ispejjes ta' l-attivita' żgħira u ħelwa li kellna wara l-quddiies ta' Jum Ħal Lija.

2.7.21 Il-Kunsill approva dan il-pagament.

2.7.22 <u>Ħasil fil-Pjazza u l-Vjal it-Trasfigurazzjoni Festa 2024</u>

2.7.23 Kif kien diġà deċiż ser isir tindif bil-water bowser fil-jiem li ġejjien qabel ma jitrammaw id-dekorazzjonijiet ta' l-injam fil-Pjazza Trasfigurazzjoni.

2.7.24 <u>Xiri ta' Camera għall-Festa 2024</u>
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni ta' camera li tiswa' €150.00 ewro li ser tintuża għall-festa 2024. Din ser tintramma fil-Misraħ Trasfigurazzjoni u ser titħallas mill-Kunsill Lokali fejn ovvjament ser tkun propjeta' tal-Kunsill.

2.7.25 Il-Kunsill Lokali approva din it-talba.

2.7.26 <u>Preparazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart</u>

2.7.27 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill Lokali li issa kif spiċċa x-xahar ta' Ġunju jibda jiġi preparat ir-rapport għat-tieni kwart, fejn ntbagħat l-informazzjoni u dokumenti kollha lil accountant u qiegħed jiġi preparat dan ir-rapport. Spjegat ukoll li jista' jkun li ssir laqgħa urġenti qabel il-laqgħa ta' Awwissu biex jgħaddi dan ir-rapport minħabba li sa l-aħħar ta' Lulju għandu jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.7.28 T<u>alba mingħand il-Kap ta' l-iskola Primarja għal għajnuna finanzjarja</u>

2.7.29 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali email mingħand il-Kap tal-iskola Primarja dwar talba għal għajnuna finanzjarja biex jinxtraw Air conditions għal ġol-klassijiet. Din l-email intbagħtet ukoll lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan u ta' l-Iklin.

2.7.30 Ġie deċiż li s-Sindku għandu jitkellem mas-Sindki ta' Ħal Balzan u l-Iklin dwar din it-talba.

2.7.31 <u>Talba mingħand il-Kap ta' l-iskola Primarja għal sleeping policeman viċin l-iskola</u>

2.7.32 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali email mingħand il-Kap tal-iskola Primarja dwar talba għal sleeping policeman viċin l-iskola.

2.7.33 Wara li saret diskuzzjoni mill-Kunsill Lokali ġie deċiż li għandna nibagħtu t-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

## 2.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

2.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 7/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €121.55 għax-xahar ta' Ġunju.

2.8.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet imressqa (numru 7/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta’ Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 2.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

2.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm. Il-Kunsilliera ġew nfurmati biss dwar korrispondenza dwar appell nru: 00182/24 dwar PA/05687/22 u appell Nru: 00204/24 dwar PA/04188/23. Kif ukoll tressqet fuq il-mejda notifika ta’ ksur tal-avviż dwar EC/00124/23.

## 2.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

2.10.2 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini xtaq jistaqsi dwar permessi fil-jiem li għaddew fi Triq San Alwigi Gonzaga. Fejn ġie spjegat li kien hemm permess ta’ għeluq ta’ triq b’emerġenza il-Ħamis 04 u l-Ġimgħa 05 ta’ Lulju 2024.

2.10.3 Il-Kunsillier Carl Betts xtaq jistaqsi ukoll dwar jekk din il-ġimgħa jekk sarx xi re-fresh tal-linji ta’ toroq tard bil-lejl.

2.10.4 Il-Kap tal-Minoraza Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi jekk nhar is-Sibt 29 ta’ Ġunju kienx hemm permess ta’ truck kbir fi triq il-Kunċizzjoni għaliex mhux suppost jgħaddu minn dawn it-toroq. Hi kompliet tispjega li dan it-truck ġibed xi dawl tal-festa ukoll u għalhekk xtaqet tenfasizza li kull min jagħmel permess għal dawn it-toroq jidħol minn toroq aktar wesgħin bħal dan il-kas jiġi minn naħa ta’ fuq ta’ triq il-Kunċizzjoni kif ukoll li jekk hemm bżonn isiru aktar no parking signs waqt ix-xogħlijiet.

2.10.5 Is-Sindku spjega li bħala Kunsill Lokali noqgħodu ħafna attenti u li kull min jiġi biex jagħmel permess il-Kunsill, l-amministrazzjoni tara li l-inġenji huma addattati għar-raħal u li anke tingħata ittra għal ċertu toroq biex ir-residenti ikunu avżati qabel ma jsir ix-xogħol.

2.10.6 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tiġbed l-attenzjoni biex il-kuntrattur li qiegħed jaħdem fi triq il-Kbira ma jħalliex trab u ħmieġ warajh wara li jlesti.

2.10.7 Hawnhekk id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex dan il-kuntrattur jiġi avżat.

2.10.8 Il-Ħin kien 5:30pm x’ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 19 t’Awwissu 2024 u kien hemm qbil b’mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-10:00am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 t’Awwissu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Dorianne Bonnici Bondin |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |